# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**ILLUM, 25 TA' FRAR, 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rik. Gur. 387/2020**

**Polidano Brothers Limited**
**(C 8884)**

**vs.**

**TACA INSAAT VE TICARET AS (OC 1225)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici pprezentat fit-3 ta' Gunju, 2020 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 2019, is-soċjeta' rikorrenti Polidano Brothers Limited kumpanija reġistrata f' Malta bl-indirizz Hal Farrug Road, Luqa u bin-numru tar-reġistrazzjoni C 8884, u s-soċjeta' intimata Taca Insaat VE Ticaret AS kumpanija reġistrata f' Malta bl-indirizz 31, Regent House, Bisazza Street, Sliema, SLM 1640 u bin-numru ta' reġistrazzjoni OC 1225 (" TACA" ) iffirmaw il-kuntratt "Agreement for the Supply of Material & Services", li permezz tiegħu is-soċjeta' rikorrenti kienet obbligata illi tissuplixxi materjal u servizzi bħala parti mill-proġett ta' Tigne Sea Front, Sliema. (kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala '**Dok PBL 3'**);

2. Illi sussegwentementu skond struzzjonijiet tas-soċjeta' intimata, is-soċjeta' rikorrenti issupplixxiet materjal u servizzi abbażi tal-kuntratt imsemmi;

3. Illi s-soċjeta' rikorrenti ottemperat ruħha mall-istruzzjonijiet mogħtija u kienet dejjem professjonali kemm in kwantu fir-rigward tal-materjal provdut li kien dejjem skond l-i*standards* rikjesti, kif ukoll dejjem ipprovdiet l-istess servizzi fil-ħin u mingħajr l-ebda dewmien, anke meta s-soċjeta' intimata ma kientx qed tonora l-obbligi tagħha u tħallas lis-soċjeta' rikorrenti kif mifthiem u rikjest;

4. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluż permezz ta' ittra legali (ittra datata is-sittax ta' (16) ta' Diċembru 2019) (kopja taghha hawn anness u mmarkat bħala '**Dok PBL 4**'), is-soċjeta' intimata, ħallset biss parti żgħira mis-somma dovuta u cioe' l-ammont ta' ħamsin elf ewro (€50,000) fil-bidu ta' Jannar ta' din is-sena;

5. Illi sussegwentement, is-soċjeta' rikorrenti talbet għal-laqgħa, liema laqgħa saret fil-ħdax (11) ta' Frar 2020;

6. Illi f' din il-laqgħa, bil-għan li jitħallas id-dejn kemm jista' jkun malajr, is-soċjeta' rikorrenti tat skont ta' wieħed u disgħin elf, tlett mija u

ħamsa u tletin ewro u tmintax-il ewro ċenteżmu **(€91,335.18)** lis-soċjeta' intimata (*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala '**Dok PBL 5'**) . Ġew ukoll maqbula ukoll t-termini kif kellhom isiru il-pagamenti fuq perjodu ta' żmien u ċioe' (kopja tad-dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala **Dok 'PBL 6')**:

- Mitt elf ewro **(€100,000)** sat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar, 2020
- Mija u erbgħin elf ewro **(€140,000)** sas-sittax (16) ta' Marzu, 2020
- Mija u erbgħin elf ewro **(€140,000)** sal-wieħed u tletin (31) ta' Marzu, 2020
- Mija u erbgħin elf ewro **(€140,000)** sal-ħmistax (15) ta' April, 2020

7. Ill dan nonostante, is-soċjeta' intimata reġgħet għal darba oħra m'onoratx il-ftehim maqbul u baqgħet ma ħallset l-ebda pagament kif iddikjarat illi kellha tagħmel;

8. Illi s-soċjeta' intimata qed tkaxkar saqajha u qed iġġib ħafna skuzi u ma tonorax il-ftehim (kopja ta' emails hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok PBL 7'**);

9. Illi l-aġir tas-soċjeta' intimata jikkostitwixxi ksur tal-obbligi legali tagħhom;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar- raġuniijiet fuq premessi:

**(i)** Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta

**(ii)** Tiddikjara lis-soċjeta’ intimata debitriċi tas-soċjeta’ rikorrenti, Polidano Brothers Limited fl-ammont ta’ ħames mija u għoxrin elf ewro **(€520,000);**;

**(iii)** Tikkundanna lis-soċjeta’ intimata tħallas lis-soċjeta’ rikorrenti l-imsemmija somma ta’ ħames mija u għoxrin elf ewro (**€520,000);**;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Liġijiet ta’ Malta kontra s-soċjeta’ intimata li hija minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni.

Rat illi fl-14 ta' Jannar 2021 is-socjeta' konvenuta pprezentat fir-registru nota ta' ammissjoni.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat illi fuq ammissjoni tal-istess socjeta' konvenuta u wara ezami tal-atti, il-Qorti tqis illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti;

1. Tilqa' l-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba, tiddikjara lis-soċjeta’ konvenuta debitriċi tas-soċjeta’ attrici fl-ammont ta’ ħames mija u għoxrin elf ewro (**€520,000);**;

3. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas lis-soċjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ ħames mija u għoxrin elf ewro (**€520,000);**;

Bl-imgha legali u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Ruth Camilleri**
**Deputat Registratur**